MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 362/2002/1

**Robert u Violet Laurenti.**

**-vs-**

**Henry A Pace.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-1 ta' April, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

1. Illi l-attur kien qieghed jirrapresenta lil huh li kien imsiefer fil-proceduri tac-citazzjoni (Numru 785/89) fl-ismijiet *Henry A Pace vs Joseph Laurenti* decisa minn din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru 2001 u dan stante li meta giet intavolata l-imsemmija kawza l-istess Joseph Laurenti kien gie impedut milli jitlaq minn Malta bil-mandat ta' impediment tas-safar numru 1073/89, u, skond il-ligi

vigenti dak iz-zmien, huwa kellu, apparte li jipprovdi fondi tieghu / garanzija bankarja sabiex jaghmlu tajjeb ghall-kreditu pretis mill-attur f'dik il-kawza, ukoll jinnomina persuna sabiex tirrapresentah u hekk ghamel u innomina lill-attur odjern ghal dan l-iskop.

2. Illi nonostante li l-istess Joseph Laurenti ipproduca il-garanzija bankarja imsemmija mahruga mill-allura Mid-Med Bank Ltd; [numru 89/81] il-konvenut, bi traskuraggini tieghu, jidher li naqas milli jusufruwixxi ruhu minnha fiz-zmien stabbilit fiha stess u issa qieghed fl-impossibilta' li jaghmel hekk.

3. Illi wara li s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet imsemmija ghaddiet in gudikat il-konvenut Henry Pace ghadda biex ippresenta mandat ta' sekwestru esekuttiv mhux kontra id-debitur tieghu Joseph Laurenti izda personalment kontra l-attur odjern (numru 577/02) fl-ismijiet *Henry A Pace vs Robert Laurenti* li gie ezegwit fuq il-fondi personali kollha tal-attur billi intlaqtu il-kontijiet bankarji tieghu kollha personali.

4. Illi ghaldaqstant l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv precitat fuq l-assi/fondi tal-attur personalment hija zbaljata, monka w irrita u jekk jitkomplew il-proceduri legali ma jkunux konformi mal-ligi tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u inoltre jirrekaw danni ingenti u irreparabbli lill-attur.

5. Illi ghalhekk hemm lok illi l-flus maqbuda bl-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat ghandhom jigu dikjarati bhala li ma ghandhomx jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni tal-konvenut u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-effetti tal-imsemmi mandat.

6. Illi ghalkemm l-attur gharraf lill-konvenut illi l-flus milquta bl-effetti tal-mandat fuq imsemmi ma ghandhomx jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni tal-konvenut ghax huma tieghu personalment u mhux tad-debitur tal-konvenut, u mitlub jirrimwovi l-imsemmi mandat, huwa baqa' ma ghamel xejn.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara l-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta’ sekwestru ezekuttiv fuq imsemmi esegwit fuq il-kontijiet bankarji personali tal-attur bhala irritu, null u bla ebda effett fil-ligi, u

2. Tordna ir-revoka tal-imsemmi mandat ta’ sekwestru numru 577/02 u

3. Tordna illi l-flus kollha milquta bl-effetti tal-fuq imsemmi mandat fuq l-istess kontijiet bankarji tal-attur jigu liberati mill-effetti tal-istess mandat – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tar-rikors ipprezentat kontestwalment mal-presenti kontra l-konvenut li minn issa jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni tieghu, b’riserva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-atturi, inkluza dik ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa minn Robert Laurenti ID 400040 (M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ipprezentata fis-27 ta’ Gunju, 2002 tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi interalia l-attur Robert Laurenti kien assuma l-atti minnflok l-imsiefer Joseph Laurenti fil-kawza Citazz. Nru. 785/89 ‘sic et simpliciter’ u mhux bhala mandatarju jew Kuratur tieghu u b’hekk assuma r-responsabilita’ mhux biss tal-kawza izda wkoll l-ezekuzzjoni tal-eventwali sentenza inkluz l-ispejjes legali u gudizzjarji skond il-ligi.

2. Illi l-konvenut ottjena sentenza skond il-ligi minn dina l-Onorabbli Qorti fil-14 ta’ Dicembru 2001 fil-kawza fuq imsemmija u ghalhekk ghandu kull dritt illi jesegwixxi l-istess sentenza u jottjeni pagament mill-attur tal-ammont

dovut lilu li se mai ghandhom dritt ta’ rivalza kontra l-istess Joseph Laurenti.

3. Illi kontra il-principji kollha legali u l-ispirtu tal-ligi l-atturi flimkien ma’ Joseph Laurenti deliberatament impedew l-ezekuzzjoni tas-sentenza billi meta l-konvenut mar isarraf il-garanzija bankarja fi kwalunkwe kaz kienet tkopri biss is-sorte u mhux l-interessi u l-ispejjez relattivi, dan gie impedut milli jottjeni pagament billi l-atturi b’konfoffa ma’ Joseph Laurenti ma ghamlux l-arrangamenti necessarji ghal estenzjoni tal-garanzija bankarja sabiex l-attur jesegwixxi s-sentenza li del resto ghaddiet ingudikat billi ma gietx appellate.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur.

Rat in-nota ta’ cessjoni tal-attur fir-rigward tal-mertu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Jannar 2004 illi permezz tieghu il kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif gia inghad l-attur a fol 42 tal-process ceda l-mertu tal-kawza izda zamm ferm fuq il-kap tal-ispejjes. Dan stante li l-mandat in kwistjoni gie imnehhi wara li l-konvenut thallas is-sorte relatat. Din il-Qorti allura trid tiddeciedi biss dwar l-ispejjes tal-kawza.

Il-konvenut kien ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru esekuttiv kontra l-attur li kien konvenut nomine f’kawza li kien istitwixxa l-konvenut kontra hu l-istess attur. Dan kien assuma l-atti tal-kawza u din giet deciza kontra tieghu bhala mandatarju ta’ huh.

Din il-Qorti ma tifhimx b'liema ragunament il-konvenut kien ippresenta l-mandat kontra l-attur f'din il-kawza meta dan kien qed jirrapresenta lil haddiehor. Il-mandat kellu jinhareg kontra l-veru konvenut u mhux kontra min kien qed jirrapresentah fil-kawza ghaliex dan ikun responsabbli biss ghall-ispejjes tal-kawza u xejn iktar. Ghalhekk l-attur kien gustifikat jippresenta din il-kawza u ma ghandux ibati l-ispejjes taghha.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti fil-waqt li tastjeni ruhha mill-konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjes tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-attur fir-rigward u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------